**Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea magħmula f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li ġejjin għamlu użu mill-possibbiltà prevista f'dak il-paragrafu li permezz tagħha, matul il-perijodu ta' transizzjoni, minbarra r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew imsemmija fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ta' dawn l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jċedu ċ-ċittadini rispettivi tagħhom lir-Renju Unit taħt mandat ta' arrest Ewropew:

— ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja;

— ir-Repubblika tal-Awstrija;

— ir-Repubblika tas-Slovenja.